MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Settembru 2020**

**Kumpilazzjoni numru 334/20 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Dylan Micallef**
**(ID: 0268397M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Dylan Micallef** li ġie mressaq quddiemha akkużat talli:

1. Nhar l-20 ta' Lulju 2020, għall-ħabta ta' 15:20hrs ġewwa Pembroke, Limiti ta' San Giljan, u/jew ġewwa l-viċinanzi kkommetta serq ta' mowbajl, arloġġ tal-marka Sector, basket tal-għamla Nike u xi oġġetti oħra, li l-valur tagħhom mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok, bil-valur, u li sar għad-dannu ta' Joseph Galea u/jew ta' persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil

Joseph Galea kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè għamel ħsara fuq mowbajl tal-għamla Samsung, liema ħsara hija ta' anqas minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' Joseph Galea u/jew ta' persuni oħra;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat jammetti għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet rikonfermata wara li l-Qorti wissietu dwar il-pieni li jġorru magħhom kull waħda mill-imputazzjonijiet;

Rat illi wara l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti talbet li jsir rapport ta' qabel is-sentenza;

Rat illi wara rikors tal-Uffiċjal tal-Probation, il-Qorti nnominat lil Dr. Rachel Taylor East u lill-Psikologa Michele Ricci sabiex jirrapportaw dwar l-istat psikjatriku/psikologiku tal-imputat;

Rat illi fis-seduta tal-lum l-esperti nominati ppreżentaw u ħalfu r-rapport tagħhom;

Fis-seduta tal-lum semgħet lill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud li ppreżentat u ħalfet ir-rapport tagħha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti, issib li l-imputazzjonijiet kollha ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi wara li rat ir-rapporti esebiti fis-seduta tal-lum u wara li semgħet lill-esperti nominati u lill-Uffiċjal tal-Probation, jirriżulta illi l-imputat għandu passat li xejn ma għenu biex jaqbad it-triq it-tajba. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-imputat għandu jingħata ċans li jtejjeb ħajtu bl-għajnuna ta' professjonisti.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi jista' jinħoloq bilanċ bejn l-interessi tal-imputat u dawk tas-soċjetà inġenerali u tal-vittma involuta fir-reati kommessi billi l-imputat jitpoġġa taħt is-superviżjoni ta' Uffiċjal tal-Probation li tiggwidah u tgħinu jifhem kif jitratta ma' ċerti sitwazzjonijiet u bl-għajnuna ta' professjonisti oħra, jagħraf jikkontrolla l-impulsi tiegħu. Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti se tkun qiegħda toħroġ Ordni ta' Probation fil-perjodu massimu tagħha, se tpoġġi wkoll lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 86, 87 (1) (e), 261 (a), (b), (c), (e), 262 (1), (b) u (c), 263 (b), 269 (c), 279 (a), 325 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lill-imputat **Dylan Micallef** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation** għal żmien tliet (3) snin mil-lum u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 412 D tal-Kodiċi Kriminali, tordna li **Dylan Micallef** jitpoġġa taħt **Ordni ta' Trattament** għal żmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jħallas lil Joseph Galea s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) rappreżentanti parti mid-danni sofferti mill-istess Galea. Dan il-ħlas għandu jsir permezz ta' pagamenti ta' ħamsin ewro (€50) fix-xahar, bl-ewwel pagament ma jkunx iktar tard mill-1 ta' Novembru 2020.

Il-Qorti spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-ħati u x’jiġri jekk huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta’ Probation jew tal-Ordni ta’ Trattament jew jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur